Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAL-ERBGĦA u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 2 ta' Lulju 2014

**Ħin:** Mill-5.30pm sas- 6.45pm

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello (Skuzat)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg
Is- Sur Andrew Zammit Montebello

Is-Sindku Dr. John Zammit Montebello infurma lis-Segretarju Ezekuttiv li kien ser jkun msiefer, għar-raġuni li fl-aħħar mumenti ġie mgħarraf minn B'Kara FC biex ikun it-tabib tagħhom fil-mawra tat-team b'konnessjoni mal-Euro Cup

**1. Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Erbgħa u Erbgħin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju 2014 u kontinwazzjoni tal-laqgħa, L-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Guido Borg talab li fil-minuti tal-laqgħa ta' kontinwazzjoni fl-aħħar paġna jizdiedu l-kliem " *Il-Kunsillier Guido Borg ġie inkarigat mill-Kunsill biex ikellem lill-Kappillan fir-rigward tad- Day Care Centre ġewwa is- Sala Aurora"* Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. Mill-Minuti**

Il-Kunsillier Guido Borg staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fl-ilment li kien ressaq is- Sur Noel Borg ta' Triq Il-Kbira.

Il-Viċi Sindku infurmaħ li wara li saret spezzjoni, il-burdura tal-bankina trid togħla xi ftit u ser jara li din ssir.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fil-kwistjoni tad-tindif ta' Wesgħa Profs Aquilina u jekk hux qed isir enforcement mill-pulizija f'dawk l-inħawi filgħaxijiet.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurmah li wara li l-Kunsill għamel it-talba tiegħu lill-Joint Office li dik l-art hija propjeta tiegħu. Il-Joint Office talbu lill-Kunsill biex jibgħat site plan u dan għamlu minnufih pero risposta jew azzjoni għada ma ttieħditx. Il-Kunsill reġa bgħat reminder.

Il-Viċi Sindku Joe Galea infurma lill-Kunsill li ser jinkera bowser biex tinħasel iz-zuntier tal-Knisja qabel il-festa. Huwa qal li din is-sena għal-darb oħra, il-Kunsill ser jerġa jzomm l-impenn tiegħu mal-Knisja Parrokkjali li jsir dan it-tindif.

## 3. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 4086**: Talba mingħand Dr. Robert Attard li joqgħod 82, Triq Il-Kbira biex titwaħħal plakka mad-dar tiegħu peress li d-dar fiha valur storiku u din tkun kontinwazzjoni tal-plakkek l-oħra li saru b’konnessjoni mal-proġett tal-pjazza.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ppropona li ssir il-plakka kif mitlub minn Dr. Attard u li l-ħlas tagħha ssir mill-Kunsill. Il-proposta kienet ssekondata mill-Viċi Sindku Joe Galea u l-Kunsillier Guido Borg.

Il-Kunsillier Stephen Gatt qal li anke l-mappa stampata fiha xi zbalji u jridu jiġu rranġati u għalhekk huwa tal-fehma li peress li hemm spejjez involuti biex isir dan huwa kien qed jissuġerixxi li meta’ l-Kunsill ikollu l-fondi meħtieġa dawn isiru.

Kien hemm diskussjoni fuq din it-talba fejn imbat, il-proponiment tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara għadda għal-vot fejn tlieta (3) vvutaw favur li kienu il-Viċi Sindku Joe Galea u l-Kunsilliera Desmond Zammit Marmara u Guido Borg. Astensjoni xejn (0). Kontra wieħed (1) li kien tal-Kunsillier Stephen Gatt.

Il-proponiment tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ġie approvat u is- segretarju Ezekuttiv intalab li jinfurma lill-Dr. Attard.

**Ittra Nru. 4091**: MEMO 20/2014- Kanali tal-Ilma. Il-Kunsill ġie infurmat mid- Dipartiment tal-Gvern Lokali biex isir it-tindif tal-kanali ta’l-ilma s-sena kollha u jekk ikun hemm bzonn jintuza pressure bowser.

Il-Kunsill filwaqt li ħa nota ta’ dan u ser jara li dan isir xtaq jinnota l-fatt li biex isir dan ix-xogħol jirrekjedi spiza kbira mill-fondi tal-Kunsill biex isiru kollha.

Il-Vici Sindku ta ezempju ta’ kwotazzjoni li kellu f’idejħ il-Kunsill fl-2012 fejn l-ispiza biex jitnaddfu l-kanali ta’ l-ilma ta’ Wied Ħal Balzan biss kienet tammonta għas-somma ta’ € 10,421.69. Bl-allokazzjoni li tingħata kull sena zgur li l-Kunsill ma jistax jaffordja.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ssuġerixxa li hekk kif ser ikollna laqgħa kordjali mas- Segretarju Parlamentari, Dr. Stefan Buontempo, il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tiegħu fuq dan is-suġġett.

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbgħatu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**Ilment Nru 17014036212539**: Talba biex issir MC bay fil-Wied ta’ Ħal Balzan fl-akwati tal-Lombard Bank.

Il-Kunsill ser jiċċekja tistax ssir u japplika ma’ Transport Malta.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull minipprezenta l-ilment.

## 4 Day Care Centre

Il-Kunsillier Guido Borg qal li wara li l-Kazin San Gabriel ma komplewx juru interess li d-Day Care Centre issir fil-propjeta’ tagħhom, huwa kellem lill-Kappillan biex jara’ huwiex interessat li dan iċ-ċentru ikun ambjentat fil-Sala Aurora. Il-Kappilllan filwaqt li wera interess biex isir dan irid jagħmel rikors il-Kuria biex tintuza is-sala għal dan l-iskop. Huwa kellem lis- Sinjura Bernardette Psaila mid- Dipartiment ta’ L-Anzjani fejn infurmatu li t-talba trid issir mill-Kunsill.

Għalhekk huwa kien qed jipproponi li wara diskussjoni mal-Kappillan u mad-Dipartiment li s-sala Aurora ssir f’ċertu ġranet Day Care Centre, il-Kunsill għandu jibgħat ittra lid- Dipartiment fejn il-Kunsill qed jaqbel ma’ dan. Il-proposta kienet ssekondata mill-Viċi Sindku Joe Galea.

Il-Kunsill qabel unanimament ma’ din il-proposta.

## 5 Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta’ petty cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tal-14 ta’ Mejju 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 23,992.51

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

Il-Viċi Sindku Joe Galea ressaq mozzjoni numru 49 biex il-Kunsill japprova applikazzjoni għal-ħlasijiet lura ta’ spejjez b’konnessjoni ma’ l-Internet streaming mid- Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Mozzjoni ġiet approvata unanimament.

## *6* Komunikazzjoni tas-Sindku

Ma kienx hemm komunikazzjoni peress li s-Sindku jinsab msiefer.

## 7 Syġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Guido Borg talab li l-mappa stampata tal-lokal b’konnessjoni mal-proġett ta’ tisbieħ tal-pjazza fiha xi zbalji li kienu saru mill-Project Administrator is- Sur Mark Causon. Għalhekk huwa kien qed jipproponi li huwa flimkien mas- Sur Carmel Bezzina meta’ l-Kunsill ikollu l-fondi meħtiega din il-mappa tiġi retifikata u tiġi stampata mill-ġdid.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara bħala Kunsillier inkarigat mill-Kultura jaqbel ma’ din l-idea. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fir-rigward tal-asfaltar tat-toroq Ġuze Bonnici u L-Għerusija.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurmah li wara li kellu laqgħa mal-perit u l-kuntrattur, x-xogħolijiet fuq Triq Guze Bonnici huwa previst li jibdew fit-tielet ġimgħa ta’ Awwissu. Kif titlesta Triq Guze Bonnici, jibdew ix-xogħolijiet fiq Triq L-Gherusija. Il-Kuntrattur ntalab li jibgħat skeda tax-xogħolijiet bit-timeframes stabbiliti u approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa ir-raġuni li l-website mhux qed tiġi updated mis-skrivana. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li dan ma jistax isir qabel ma’ tingħata promozzjoni wara sejħa mill-Kunsill għal

dan. Is- Segretarju infurmaħ li hekk kif qegħdin bin-nofs ta' nhari ikun xieraq li din il-promozzjoni tingħata meta' jergaw jibdew il-ġranet.

Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li jsir refreshing tas-sinjali tat-toroq fi Triq Il-Kannizzata kantuniera ma' Triq San Gabriel.

Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li l-bank li hemm mal-ġenb ta'stabbiliment tax-xorb jiċċaqlaq minn hemm u jitwaħħal quddiem l-uffiċċju tal-periti biex b'hekk il-ġenituri li jkun qed jistennew it-tfal tagħhom fl-iskola San Alwiġi jkun hemm għallinqas post fejn ipoġġu.

Il-Kunsilliera prezenti ma aċċettawx din it-talba u ġiet rifjutata.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq suġġeriment tas- Sur Saviour Deguara biex quddiem l-istatwa ta' Santa Marija jipoġġew xi pjanti u titnaddaf l-area.

Il-Viċi Sindku Joe Galea infrumah li dan diġa sar.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 24 ta' Lulju 2014 fil-9.00am.

**Joe Galea**
Viċi Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data